MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2011

Numru 504/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Christopher Mifsud**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija kontra l-appellant Christopher Mifsud talli nhar it-03.04.2009 u fiz-zmien ta' qabel f'lok bl-isem Mifsud, Triq il-Gnien, Ghajnsielem, Ghawdex:

1. fetah jew zamm post kummercjali meta ma kienx detentur ta' licenzja li tirrigwarda f'manifattura ta' ghamara fl-istess fond A.L. 1/06 l-ewwel skeda 36.1, u dan bi ksur tal-Artikolu 13(1) tal-Kap 441;

2. u aktar talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Ghawdex datata 05.02.2009 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mhassra.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Novembru 2010 li biha, wara r-rilievi preliminari soliti dwar l-imputazzjonijiet u li semghet il-provi u rat id-dokumenti esebiti ikkonkludiet kif gej:

"Ikkunsidrat:

"Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi l-imputat ma ghandux licenzja sabiex jimmanifattura l-ghamara. Illi mill-affidavit ta' PC 1368 jirrizulta illi meta huwa kellem lil Peter Paul Haber li sabu fuq post meta ghamel l-ispezzjoni, dana qallu li kien jghin lill-imputat fix-xoghol tieghu ta' mastrudaxxa. L-istess kuntistabbli nnota illi fil-garaxx kien hemm magni u ghodda relatati mas-sengha ta' mastrudaxxa u kellu anke hafna injam. Meta jixhed Peter Paul Haber huwa jichad illi dakinhar huwa kien qed jahdem mal-imputat izda iktar tard jghid li gieli cempillu biex jghinu;

"Ghaldaqstant l-ewwel (1) akkuza tirrizulta ppruvata u anke dwar ir-recidiva giet ipruvata. Kwindi l-Qorti wara li rat l-Artikolu 13(1) tal-Kapitolu 441 l-ewwel skeda 36.01, l-Avviz Legali 1/2006 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum;

"Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata"

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Christopher Mifsud minnu prezentat fi-25 ta' Novembru 2010 li permezz tieghu talab li tigi revokata s-sentenza appellata u li minflok l-appellant

jigi liberat b'mod assolut mill-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

**4.** Rat il-verbal li sar quddiemha fis-seduta tal-4 ta' Frar 2011 fejn wara li l-Qorti semghet it-trattazzjoni l-appell gie mholli ghas-sentenza limitatament fuq il-pregudizzjali dwar in-nullita' tas-sentenza appellata.

**5.** Rat is-sentenza in parte taghha tal-4 ta' Marzu 2011 li biha hassret is-sentenza appellata u ordnat il-kontinwazzjoni tal-appell sabiex il-kawza tigi deciza fil-mertu.

**6.** Rat li wara li semghet ix-xhieda ta' Mark Rapa u Peter Paul Haber u wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet halliet l-appell ghad-data tal-llum ghas-sentenza finali.

**7,** Ghar-rigward tal-mertu tal-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant l-aggravju tieghu jikkonsisti essenzjalment filli skont l-appellant l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u tefghet wisq piz fuq il-fatt li kien hemm injam fuq il-post meta tali fatt ma hu b'ebda mod illegali.

**8.** Quddiem l-ewwel Qorti fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2009 gie prodott l-affidavit ta' PS 1368 E. Camilleri, xehed Mark Rapa li esebixxa licenzja Dok. C u xehed ukoll Peter Paul Haber. Mill-affidavit ta' PS 1368 E. Camilleri jirrizulta li fit-3 ta' April 2009 l-istess surgent kien gie informat li kien sar rapport li fil-fond "Mifsud Triq il-Gnien Ghajnsielem" kienu qed isiru xogholijiet ta' mastrudaxxa minghajr permess. Meta mar fuq il-post sab il-post bil-bieb maghluq u ma kienux jinstemghu hsejjes. Meta habbat il-bieb fetahlu Peter Paul Haber li meta mistoqsi mis-surgent jekk huwa kienx jahdem hemm Peter Paul Haber wiegbu li kultant kien jaghmel siegha jghin lill-proprjetarju fix-xoghol ta' mastrudaxxa u ghalhekk is-surgent qallu jghid lil Mifsud jikkuntatjah l-ghassa. Meta Mifsud mar l-ghassa dan cahad li kien qed jaghmel xoghol ta' mastrudaxxa fil-garage. Is-surgent stqarr li fil-garage kien innota diversi magni tal-mastrudaxxa li jahdmu bl-elettriku u kwantita' kbira ta' njam mal-post kollu. Zied jghid li kien ircieva

rapporti ohra qabel u li fis-16 ta' Dicembru 2008 kien mar fil-post u sab lil Mifsud jahdem tant li ttiehdu passi kontra Mifsud il-Qorti fil-5 ta' Frar 2009. Mid-dokumenti a fol 5 u 6 tal-process jirrizulta li dakinhar Mifsud ammetta l-akkuza u l-kawza giet deciza dakinhar stess billi Mifsud instab hati u gie kundannat ghal ammenda ta' €120.

**9.** Peress li x-xhieda taghhom ma kienetx traskritta fil-process, fil-kors ta' dan l-appell din il-Qorti kellha l-opportunita' tisma' lix-xhieda Mark Rapa u Peter Paul Haber *viva voce*. Mix-xhud Mark Rapa irrizulta li l-imputat fuq il-post Mifsud Household Goods, Triq Benghazi, Ghajnsielem ghandu permess ta' "retail sale in specialized stores selling predominantly furniture, lighting equipment and other household articles" (Doc CC, fol. 7 tal-process) u "retail sale in specialized stores selling predominantly hardware, paint and glass". Irrizulta li ma ghandux licenzji ohrajn.

**10.** Peter Paul Haber fl-ezami xehed li, xi jumejn qabel gie l-pulizija fuq il-post ta' Mifsud, l-imputat kien cempillu u talbu jwahhalu xi membrane fuq il-bejt. Dakinhar li gie l-pulizija kienu qed ipoggu l-membrane u gie bzonn "ftit listi" biex isammar il-membrane u Mifsud baghtu jgib il-listi mill-garage u jerga lura. Dawn il-"listi" kienu tal-injam biex iwahhal bihom. Huwa stqarr li ma kienx jaf x'tip ta' sengha kien jaghmel Mifsud ghax ma kienx jahdem mieghu. Fuq il-post jaf li kien hemm l-injam u l-ghodda tal-ghamara. Haber cahad li lis-surgent kien qallu li kultant kien jaghmel siegha jghinu fix-xoghol tal-mastrudaxxa ghalkemm ikkonceda li kien qallu li qieghed jghinu siegha u kien qieghed jirreferi ghall-membrane. Fuq domandi tal-Qorti imbghad Haber stqarr li gieli kien imur jghin lil Mifsud imma dan kien ikun biex jghabbi oggetti tqal. Fuq insistenza tal-Qorti Haber ppreciza li dawn l-oggetti tqal kienu xi sett tal-ghamara, tal-kamra tas-sodda li huwa kien jghabbihom fil-van biex jehodhom x'imkien. Huwa zied li kien ilu jghinu b'dal mod ghal kwazi xi sena. Wara diversi domandi ohra x-xhud xehed li Mifsud kellu s-sengha ta' mastrudaxxa u kien jahdem l-ghamara. Meta mistoqsi diversi drabi fejn Mifsud kien jahdem l-ghamara ghall-ewwel Haber wiegeb li ma jafx izda fuq diversi domandi

tal-Qorti x-xhud eventwalment wiegeb li "nissupponi fil-garaxx jiena, ma nafx jien." sakemm eventwalment:

"Il-Qorti:

" ... dejjem kien ikollu nadif u m'ghandu xejn fil-garaxx? Hemmhekk kien jahdem l-ghamara jew le?

"Xhud

"Hemmhekk  nahseb

"Il-Qorti

"Taf; hemmhekk kien jahdimha l-ghamara, hux hekk?

"Xhud

"Iva"

**11.** Ghalhekk, mid-depozizzjoni ta' Peter Paul Haber jirrizulta li effettivament l-imputat kien jahdem xoghol ta' mastrudaxxa u jzomm post ta' mastrudaxxa fil-lok indikat fit-tahrika fejn kien mar PC 1368 Edward Camilleri wara li kien ircieva r-rapport u fejn sab lil Peter Paul Haber li fetahlu l-bieb. Dan hu wkoll korroborat mic-cirkostanza li kkonferma bil-gurament l-istess PC 1368 li stqarr li Haber kien qallu li "kultant nigi naghmel siegha nghinu fix-xoghol ta' mastrudaxxa". Jirrizulta wkoll li dan ix-xoghol ta' mastrudaxxa l-imputat kien jaghmlu fuq skala kummercjali ghal haddiehor u ghalhekk l-attivita' li kien jaghmel l-imputat kienet tinkwadra bhala "attivita' kummercjali" ghall-finijiet tal-Kap. 441. L-imputat ma ghandux licenzja ghal din l-attivita' kummercjali fil-post indikat fit-tahrika. Mill-provi prodotti il-Qorti hi wkoll sodisfatta li x-xhud Haber kien ilu jghin lill-imputat f'din l-attivita' kummercjali tieghu billi jghinu jghabbi l-ghamara "biex jehodhom x'imkien" ghall-perjodu ta' sena.

**12.** Tenut kont li l-Qorti hassret is-sentenza appellata minhabba nuqqas sostanzjali fiha u pprocediet skont is-

subartikolu (3) tal-artikolu 428 tal-Kap.9, il-Qorti ma hix marbuta bis-subartikolu (7) tal-imsemmi artikolu[1]

**13.** L-imputazzjoni fit-tahrika lill-imputat setghet giet redatta ahjar u b'aktar precizjoni izda bdanakollu din il-Qorti hi sodisfatta li l-fatt imputat huwa l-fatt inkriminat taht l-artikolu 10(1) tal-Kap. 441 u ghalhekk fid-dawl tal-kostatazzjonijiet fuq premessi din il-Qorti ser ssibu hati tal-imputazzjoni dedotta. Irrizulta wkoll li l-appellant kien instab hati tal-stess reat b'sentenza tal-5 ta' Frar 2009 u ghalhekk l-appellant huwa recidiv fl-istess reat.

**14.** Ghall-finijiet ta' piena din il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-appellant ripetutament instab hati ta' dan it-tip ta' ghemil kontra l-ligi.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib lill-imputat appellant Christopher Mifsud hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u wara li rat l-artikoli 10(1) u 18 (b) u (c) tal-Kap 441 tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' elf u hames mitt euro (€1500) u ghal ammenda ta' tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) ghal kull gurnata li matulha jkompli r-reat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Ara inter alia f'dan is-sens Pulizija v Emmanuele Fenech, 15/3/1958, XLII.iv.1302; Pulizija v Marco Hammet u Marco Vella, Appell Kriminali 9/1/1992; Il-Pulizija v Anthony Zahra, Appell Kriminali 26/5/1994).